MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 1099/2005

**Carmel Cilia u martu Geronima Cilia**

**vs**

**Mario Bartolo u martu Rita Bartolo**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni attrici li biha wara li ppremettew:

Illi bi skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu datata 2 ta' Dicembru 1999 il-konvenuti ikkostitwew ruhhom debituri tal-atturi fis-somma ta' sittax-il elf, tmien mija u tletin lira Maltin (Lm16, 830) restitwibbli fi zmien hames snin mis-17 ta' Ottubru 1999 bl-imghax bi tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-imsemmija data pagabbli kull sena b'lura.(Dok A).

Illi bi skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu ohra datata 6 ta' Gunju 2002 il-konvenuti ikkostitwew ruhhom debituri tal-atturi fis-somma ta' elf u tlett mitt lira Maltin (Lm1,300)

restitwibbli f'pagamenti ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) f'Novembru ta' kull sena l-ewwel pagament f'nofs Novembru 2002 u bl-imghax bi tmienja fil-mija (8%) bil-kondizzjoni illi jekk ma jsirux zewg pagamenti rateali konsekutivi il-konvenuti jiddekadu mill-beneficcju tat-terminu u s-somma tkun dovuta fl-intier taghha. (Dok B).

Illi llum il-konvenuti huma debituri versu l-atturi fis-somma ta' ghoxrin elf, sitt mija u erba' liri Maltin (Lm20,604) rapprezentanti in kwantu ghal sittax-il elf, tmien mija u tletin lira Maltin (Lm16,830) il-kapital kollu dovut fuq l-ewwel skrittura, in kwantu ghal seba' mitt lira Maltin (Lm700) il-bilanc tal-kapital dovut fuq it-tieni skrittura imsemmija, elf hames mija u ghaxar liri (Lm1,510) l-imghax dovut fuq iz-zewg skritturi ghas-sena 2004 u elf hames mija u erbgha u sittin lira (Lm1,564) l-imghax dovut fuq iz-zewg skritturi ghas-sena 2005.

Illi l-konvenuti gew interpellati anke ufficjalment permezz ta' ittra ufficjali tal-31 ta' Awissu 2005 sabiex jeffettwaw il-pagament dovut izda baqghu inadempjenti.

Illi fil-fehma tal-atturi il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu kontra t-talbiet attrici.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu li konvenuti jghidu ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-**artikolu 167** tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom ihallsu lill-atturi is-somma ta' ghoxrin elf, sitt mija u erba' liri Maltin (Lm20,604) rapprezentanti in kwantu ghal sittax-il elf, tmien mija u tletin lira Maltin (Lm16,830) il-kapital kollu dovut fuq l-ewwel skrittura, in kwantu ghal seba' mitt lira Maltin (Lm700) il-bilanc tal-kapital dovut fuq it-tieni skrittura imsemmija, elf hames mija u ghaxar liri (Lm1,510) l-imghax dovut fuq iz-zewg skritturi ghas-sena 2004 u elf hames mija u erbgha u sittin lira (Lm1,564) l-imghax dovut fuq iz-zewg skritturi ghas-sena 2005.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-31 ta' Awissu 2005, tal-mandat ta' inibizzjoni u tal-mandat ta' sekwestru pprezentati kontestwalment u bl-imghax legali ulterjuri fuq is-somma ta' sittax-ilelf tmien mija u tlettin Lira Maltin (Lm16,830) mill-17 ta' Ottubru 2005 u fuq is-somma ta' seba' mitt Lira Maltin (Lm700) mill-15 ta' Novembru 2005 kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat in-nota tal-konvenuti tat-12 ta' Jannar 2006 li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Illi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenuti permezz ta' nota tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tal-atturi** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi:

2. Tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom ihallsu lill-atturi is-somma ta' ghoxrin elf, sitt mija u erba' liri Maltin (Lm20,604) rapprezentanti in kwantu ghal sittax-il elf, tmien mija u tletin lira Maltin (Lm16,830) il-kapital kollu dovut fuq l-ewwel skrittura, in kwantu ghal seba' mitt lira Maltin (Lm700) il-bilanc tal-kapital dovut fuq it-tieni skrittura imsemmija, elf hames mija u ghaxar liri (Lm1,510) l-imghax dovut fuq iz-zewg skritturi ghas-sena 2004 u elf hames mija u erbgha u sittin lira (Lm1,564) l-imghax dovut fuq iz-zewg skritturi ghas-sena 2005.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-31 ta' Awissu 2005, tal-mandat ta' inibizzjoni u tal-mandat ta' sekwestru pprezentati kontestwalment u bl-imghax legali ulterjuri fuq is-somma ta' sittax-il elf tmien mija u tlettin Lira Maltin (Lm16,830) mill-17 ta' Ottubru 2005 u fuq is-somma ta' seba' mitt Lira Maltin (Lm700) mill-15 ta' Novembru 2005 kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------